

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

2007/2184(INI)

10.3.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar “Lejn Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ riformata”
(2007/2184(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Johan Van Hecke

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni li se jadotta:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma tad-WTO u jtenni l-importanza tal-kummerċ bħala għodda effettiva għall-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar; jenfasizza l-importanza tal-multilateraliżmu bħala mekkaniżmu għall-promozzjoni tal-kummerċ ħieles u ġust sabiex jintlaħqu l-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju;
2. Jappella sabiex fid-WTO, tiddaħħal sistema aktar demokratika ta' teħid ta' deċiżjonijiet li tqis l-opinjoni ta' l-imsieħba kollha u li tinkludi pajjiżi fil-livelli varji ta' żvilupp;
3. Jirrikonoxxi l-proposti li saru fir-Rapport Sutherland¹ dwar approċċ plurilaterali għall-ftehimiet opt-in jew opt-out, f'każijiet fejn ma jistax jintlaħaq konsensus iżda jtenni l-impenn tiegħu għall-multilateraliżmu u jwissi li l-plurilateralizmu mhux neċessarjament vantaġġuż għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jista' jkabbar id-distakk bejn il-pajjiżi żviluppati u l-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw;
4. Jenfasizza li l-irwol tas-Segretarjat tad-WTO huwa kritiku, u jemmen li huwa importanti li s-Segretarjat jkollu r-rappreżentanza proporzjonata ta' pajjiżi żviluppati u ta' pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, sabiex l-organizzazzjoni tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'aktar effettività;
5. Jenfasizza l-bżonn li tinholq assemblea parlamentari tad-WTO li jkollha setgħat konsultattivi minħabba n-nuqqas ta' responsabilità demokratika u n-nuqqas ta' leġittimità tad-WTO u jilqa' b'sodisfazzjon kwalunkwe riforma li ssaħħa l-assoċjazzjoni tal-Membri Parlamentari mad-WTO;
6. Iqis li t-tfassil mill-ġdid tat-Trattament Speċjali u Differenzjali (SDT) huwa kritiku għar-rilevanza tad-WTO mill-perspettiva ta' l-iżvilupp; tfassil mill-ġdid bħal dan għandu jinkludi differenzjar bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fid-WTO u approċċ għall-SDT ibbażat fuq il-bżonnijiet għall-iżvilupp ta' pajjiżi individwali iktar milli għal kategoriji ta' pajjiżi; jirrakkomanda li għandhom jintużaw kriterji effettivi biex issir id-differenzjar, billi mhux biss jitqies it-tkabbir tal-Prodott Gross Nazzjonali (GNP), iżda jiġu kkunsidrati wkoll indikaturi bħall-indiċi tal-vulnerabilità ekonomika (EVI) u l-indiċi tal-kummerċ u l-iżvilupp (TDI);
7. Ifakkar fl-Artikolu XXXVIII, paragrafu 2(a) tal-GATT li għadu mhux implimentat, li jistipola l-impenn tal-membri kollha tad-WTO sabiex jistabbilizzaw u jtejbu l-kundizzjonijiet tas-suq għall-prodotti primarji ta' interess partikolari għall-pajjiżi membri li għadhom qed jiżviluppaw, u jqis li azzjoni deċiżiva dwar dan l-Artikolu hija aspett importanti ta' WTO riformata;
8. Iqis li l-inizjattiva ta' l-UE "Kollox Minbarra Armi" hija eżempju tajjeb għall-aċċess

¹ "Il-Futur tad-WTO: Nindirizzaw Bidliet Istituzzjonali fil-Millennju l-Ġdid, XII – 2004"

għas-suq għal-LDCs;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tar-Rapport Sutherland biex jiġu inklużi arranġamenti finanzjarji għal għajnuna teknika bħal dritt kuntrattwali għal-LDCs biex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fis-sistema kummerċjali multilaterali; jenfasizza l-importanza kritika tal-bini tal-kapaċità għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tissaħħaħ l-abilità tagħhom biex jinnegozjaw u jidentifikaw bżonnijiet u strateġiji u biex jintlaħqu l-impjenji tad-WTO;
10. Jirrikonoxxi l-bżonn li jiġi rivedut il-Mekkaniżmu għal Soluzzjoni għat-Tilwim (Dispute Settlement Mechanism), minħabba li l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet (introduzzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji) jistgħu jnaqqsu l-parteeċipazzjoni fil-Mekkaniżmu tal-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw; jilqa' b'sodisfazzjon it-titjib relatat mat-tul tal-proċeduri u jappoġġja l-proposta Sutherland li tippermetti konsultazzjoni mal-Korp Ta' l-Appell, biex jinkiseb parir legali qabel jibda jinstema' l-każ quddiem id-WTO;
11. Fid-dawl tal-fatt li t-tariffi tnaqqsu għal livelli minimi storiċi, iqis iż-żamma tar-regoli multilaterali permezz tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni għat-Tilwim bħala l-funzjoni ewlenija tad-WTO fil-futur u fuq din il-funzjoni ser jitkejlu l-effiċjenza u l-leġittimità tad-WTO; iqis anqas din il-funzjoni tad-WTO bħala waħda arbitranti fil-ksur tar-regoli milli bħala mezz biex jinstab bilanċ għust bejn l-interessi u l-valuri differenti;
12. Jenfasizza l-bżonn sabiex ikun żgurat li l-Korp għal Soluzzjoni għat-Tilwim jinterpreta r-regoli tad-WTO b'tali mod li jqis il-liġi ambjentali u soċjali applikabbli internazzjonali u, fejn ikun meħtieġ, jistieden lill-Kummissjoni u l-imsieħba tad-WTO kollha biex jemendaw ir-regoli tad-WTO f'dan ir-rigward;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi bħal "Djalogi dwar Temi Speċifiki mas-Soċjeta' Ċivili" organizzati mis-Segretarjat tad-WTO: jenfasizza l-bżonn li tissaħħaħ il-preżenza tas-soċjeta' ċivili fuq it-tmexxija ekonomika globali permezz ta' iktar konsultazzjoni u kunsiderazzjoni, u jitlob li jiġu stabbiliti regoli iktar ċari biex tiġi rregolata l-parteeċipazzjoni ta' parteċipanti ewlenin mhux Statali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tad-WTO;
14. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm koperazzjoni iktar mill-qrib bejn id-WTO u l-aġenziji speċjalizzati l-oħra tan-NU bħall-UNCTAD, id-WHO u l-ILO, bħala pass essenzjali lejn mudell iktar sostenibbli ta' globalizzazzjoni;
15. Jerġa jtenni li ftehimiet kummerċjali għandhom jippromwovu xogħol diċenti; ifakkar madanakollu, li l-istandards tax-xogħol għandhom ikunu xierqa għal-livell ta' żvilupp ta' pajjiż u m'għandhomx jintużaw biex jiġi għustifikat il-protezzjoniżmu; jitlob li l-ILO tingħata stejtu ta' osservatur fid-WTO u sabiex jitwaqqaf Kumitat għall-Kummerċ u x-Xogħol Diċenti; barra minn hekk; jissuġġerixxi li l-ILO għandha tkun awtorizzata li tippreżenta rapporti qosra amicus lill-panels tad-WTO u lill-Korp ta' l-Appell.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	27.2.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 0 0:
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alessandro Battilocchio, Thijs Berman, Josep Borrell Fontelles, Danutè Budreikaitė, Marie-Arlette Carlotti, Thierry Cornillet, Corina Crețu, Nirj Deva, Beniamino Donnici, Fernando Fernández Martín, Hélène Goudin, Alain Hutchinson, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknaš Uca, Johan Van Hecke, Luis Yañez-Barnuevo García, Anna Záborská, Mauro Zani
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ana Maria Gomes, Fiona Hall, Manolis Mavrommatis, Linda McAvan, Ralf Walter, Gabriele Zimmer